# San Ġużepp Benedittu Labre –
## Qaddis Franċiż li żar iż-Żejtun




Iż-Żejtun huwa mżejjen bi storja interessanti kemm ta' ġrajjiet miktuba kif ukoll ġrajjiet irrakkontati marbuta ma' diversi qaddisin. Fost dawn il-ġrajjiet irrakkontati hemm il-ġrajja ta' meta San Pawl ġie ż-Żejtun u dik dwar iż-żjara ma tantx magħrufa tal-qaddis Franċiż San Ġużepp Benedittu Labre.

San Ġużepp Benedittu Labre twieled f' Ameltss fi Franza nhar is-26 ta' Marzu 1748. F'żogħżitu ħass il-vokazzjoni li jgħix il-ħajja kontemplattiva kemm f'monasteri tal-Ordni tat-Trappisti u Ċisterċensi imma qatt ma kien aċċettat minħabba xi problemi f'saħħtu. Maż-żmien beda jħoss li ħajtu kellha tkun bħal dik ta' San Franġisk t'Assisi, fil-fatt kien ukoll daħal membru tat-terza ordni Franġiskan. Hu beda jorqod barra fuq xi zuntier ta' knisja u jiekol minn dak li jagħtuh in-nies. Malewwel daqqa t'għajn ħafna kienu jaħsbuh xi kriminal imma wara kienu jaraw fih bniedem ta' qdusija kbira.

Minn hawn hu beda jgħix ħajja ta' pellegrin iżur santwarji u knejjes madwar l-Ewropa. L-iktar postijiet li baqgħu marbuta maż-żjajjar tiegħu kienu santwarji fi Franza, l-Isvizzera u l-famuż santwarju ta' San Ġakbu ta' Compostela fi Spanja. Il-biċċa l-kbira ta' ħajtu għexa l-Italja f'postijiet reliġjużi bħal Loretu, Assisi, Bari u f'Ruma fejn kien jgħaddi ħafna ħin jitlob kemm fi knejjes kif ukoll fil-Kolesijum, il-post fejn ħafna insara mietu martri.

San Ġużepp Benedittu Labre miet nhar is-16 t'April 1783 u jinsab midfun fil-knisja ta' Santa Marija ai Monti f'Ruma. Hu ġie bejatifikat minn Papa Beatu Piju X1, fl-1859 u kkanonizżat fl-1881 minn Papa Ljun X111. San Ġużepp hu l-patrun tal-pellegrini u tan-nies bla dar.

Żjara ta' Labre f' Malta



Fost iż-żjarat li għamel fl-Ewropa kien hemm dik f'Malta. L-iktar magħrufa huma ż-żjarat fil-belt Valletta. Jingħad li kien iqatta' ħafna ħin jitlob il-karita fuq l-għatba tal-knisja tal-Ġiżwiti. Tifkira ta' dan hemm kwadru ta' dan il-qaddis fl-istess knisja. Hu kien iħobb joqgħod jitlob fis-santwarju tal-Madonna tal-Karmnu. Żar ukoll il-gżira Għawdxija u l-iktar li kien ifittex kienet lill-knisja ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria. L-Għawdxin rabtu miegħu diversi leġġendi u stejjer.

Labre iżur iż-Żejtun

Manuel Zammit, magħruf għax-xogħol ta' restawr tal-pittura fil-knejjes tagħna, jirrakkonta dak li kien jgħid nannuh, Piju Zammit li għex bejn l-1863 u l-1963. Piju kien jgħix f'dar viċin il-kappella tal-Madonna tal-Bon Kunsill. Il-kappella tal-Bon Kunsill ġiet mibnija minn Neriku Testaferrata Bonici fl-1750 mal-palazz tiegħu. Maż-żmien din il-kappella saret ċentru ta' devozjoni Marjana. Dan il-fatt seta' kien li ġibed lil Labre biex iżur iż-Żejtun.

Piju Zammit jirrakkonta li x-xjuħ kienu jgħidu li San Ġużepp Benedittu Labre kien żar din il-kappella li fiha għadda ħin jitlob u wara qagħad jittallab il-karita fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Sant' Anġ. It-tifkira ta' din iż-żjara għadha ħajja fil-familja Testaferrata Bonici billi ta' kull sena l-għada tal-festa tal-Madonna tal-Bon Kunsill li tiġi ċċelebrata fis-26 t' April, tiġi ċċelebrata wkoll it-tifkira ta' dan il-qaddis. Maż-żmien saret ukoll pittura tal-qaddis xogħol il-pittur Ġużeppi Calleja (1828 – 1915). L-istess pittur pitter żewġ pitturi oħra ta' dan il-qaddis, fl-1864 pitter il-pittura li hemm fil-knisja l-qadima tal-Karmnu, fil-Balluta u x-xogħol l-ieħor jinsab fil-knisja parrokjali tas-Siġġiewi.

Din il-kitba saret biex iżżomm tifkira ta' waħda mill-ġrajjiet irrakkuntati fiż-Żejtun fl-imgħoddi, li żgur ħafna minna qatt ma semgħu biha.

*Ħajr lil Anna Spiteri Debono tal-għajnuna tagħha.*